

Paġna ewlenija>Proċeduri tal-qorti>Kawżi ċivili>Servizz ta' dokumenti: trasmissjoni uffiċjali ta' dokumenti legali
Servizz ta' dokumenti: trasmissjoni uffiċjali ta' dokumenti legali

Rumanija

1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?

Il-qorti tista' tiddeċiedi dwar rikors jekk il-partijiet ikun ġew imħarrka jew huma preżenti personalment jew abbażi ta' prokura. In-notifika ta' dokumenti barra mill-pajjiż u minn barra l-pajjiż hija proċedura li għibhom għall-attenzjoni tad-destinatarij: il-partijiet, ix-xhieda jew il-parteċipanti fi proċess fl-istat rikjedenti. (Artikolu 3(1) tal-Liġi Nru 189/2003 dwar l-assistenza ġudizzjarja internazzjonali fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali).

2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu notifikati b'mod formali?

Id-dokumenti ġudizzjarji li għandhom jiġu notifikati formalment huma d-dokumenti maħruġa fi proċess ċivili jew kummerċjali u li n-notifika tagħhom tiġi ordnata mill-qorti (ċitazzjonijiet, sentenzi, talbiet għal rimedju, eċċ.).

3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?

In-notifika ta' dokumenti proċedurali ssir mingħajr flus, *ex officio*, mill-aġenti proċedurali tal-qorti jew minn impjegat ieħor tagħha. Jekk dan ma jkunx possibbli, jiġu notifikati bil-posta bħala ittri reġistrati bil-kontenut iddikjarat u bil-konferma tar-riċevuta, f'envelop siġillat, u magħhom għandhom jiġu mehmuża l-prova tar-riċevuta / rapport u avvż. In-notifika tista' ukoll issir minn bailiffs jew permezz tal-posta rapida fuq it-talba u bl-ispejjeż tal-parti interessata (Artikolu 154(1), (4) u (5) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

4 Tifix tal-indirizz

4.1 Skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, l-awtorità rikjesta f'dan l-Istat Membru tipprova u tistabbilixxi hi bl-inizjattiva tagħha fejn tinsab il-persuna li trid tiġi notifikata bid-dokumenti ladarba din ma tkunx għadha toqgħod fl-indirizz magħruf mill-awtorità rikjedenti?

Ir-rikors inizjali jrid jinkludi l-indirizz tal-parti (Artikolu 194 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Fil-proċedura preliminari ta' verifika u emenda tar-rikors, il-qorti tista' titlob lir-rikorrent biex jipprovdi informazzjoni ulterjuri li ma kintx imsemmija fir-rikors (Artikolu 200 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Il-qorti mhijex obligata li tinvestiga *ex officio* l-indirizz attwali tar-rikorrent. Madankollu, l-obbligu ġenerali tal-qorti huwa li jkollha rwol attiv (Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) u li tiegħu l-miżuri meħtieġa għal deċizzjoni sostanzjata.

4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhil-proċedura li trid tiġi segwita? Xi flus irid isir, jekk hemm? L-indirizz ta' ċittadin Rumen jista' jinkiseb permezz tal-Ministeru tal-Affarijiet Interni (– Spettorat Nazzjonali għal Rekords Nazzjonali u Amministrazzjoni tal-Bażijiet tad-Dejta - INEPABD, Triq: Obcina Mare nr. 2, Sector 6, Bucharest, Tel: +40214135442, +40217467047/8/9, Faks +40214135049, Indirizz elettroniku depabd@mai.gov.ro; sit web: http://depabd.mai.gov.ro/furnizari_date.html) jew permezz tal-uffiċċju tar-rekords tal-persunal lokali.

Il-partijiet interessati jistgħu jiksibu ċerta dejta personali taċ-ċittadini Rumeni mir-Reġistru Nazzjonali tar-Rekords Personali, dwar id-domiċilju jew il-post tar-residenza tagħhom, billi jressqu talba motivata bil-miktub lill-uffiċċju lokali tar-rekords personali li huwa kompetenti fiż-żona li fiha tinsab il-kumpanija legali / il-persuna ġuridika. It-tali dejta tista' tiġi pprovduta biss bil-kunsens preliminari tal-persuni kkonċernati.

Il-kunsens mhuwix meħtieġ meta jkun hemm bażi ġuridika għustifikata u r-rikors isir minn xi awtoritajiet (pulizija, difiża, ġustizzja, protezzjoni soċjali, eċċ.) jew minn individwi li l-interess leġittimu tagħhom huwa pprovat b'dokumenti li juru l-baży ġuridika għustifikata. Il-korpi kompetenti li jiddeċiedu dwar ir-rikorsi magħmula minn persuni ġuridiċi huma l-uffiċċji lokali tar-rekords personali u l-INEPABD.

Għal talbiet speċifiċi jew talbiet ta' volum baxx, it-tariffa hija ta' RON 1 għal kull persuna, li hija trasferita għall-baży tal-istat fil-kont Nru RO35TREZ70620330108XXXXX (IBAN), miftuħ fit-Teżor għas-Settur 6, Bucharest, numru ta' reġistrazzjoni tat-taxxa 26362870 (fejn id-dejta hija pprovduta mill-INEPABD) jew fil-kontijiet tal-kunsilli lokali (fejn id-dejta hija pprovduta mill-uffiċċju lokali tar-rekords personali).

Trid tiġi talba ta' RON 5 fuq kull applikazzjoni. Għal applikazzjonijiet ta' volum għoli, it-tariffa hija ta' RON 120 għal kull siegħa ta' operazzjoni fis-sistema ċentrali kompjuterizzata jew ta' RON 7 għal kull siegħa ta' operazzjoni fis-sistema lokali kompjuterizzata. L-istituzzjonijiet pubbliċi li huma kompetenti f'oqsma speċifiċi (difiża, ordni pubbliku, sikurezza nazzjonali, ġustizzja, finanza, saħħa, eċċ) huma eżenti mill-flus ta' tariffi għad-dejta mitluba għall-iskop tal-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet ġuridiċi tagħhom.

Il-kisba tal-indirizz tal-uffiċċju reġistrat ta' persuna ġuridika permezz tal-Uffiċċju Nazzjonali għar-Reġistru tal-Kumpaniji (Bd. Unirii nr. 74, sections 2+3, bl. J3B, Sector 3, Bucharest; <https://portal.onrc.ro/>) jew permezz tal-Uffiċċji għar-Reġistru tal-Kummerċ marbutin mat-tribunali

Il-kopji ċertifikati tar-rekords fir-reġistru u tad-dokumenti mressqa jistgħu jinħarġu bl-ispejjeż tal-applikant, kif ukoll informazzjoni relatata mad-dejta reġistrata u ċ-ċertifikati li jattestaw li dokument jew fatt partikolari huwa jew mhuwix irreġistrat. Id-dokumenti jistgħu wkoll jintalbu u jiġu trażmessi bil-posta. Fuq talba, id-dokumenti jinħarġu f'forma elettronika u jintbagħtu onlajn, b'firma elettronika estiża li tiġi inkluża, li tinhemeż jew tiġi assoċjata b'mod loġiku magħhom. Il-formularji, it-tariffi u l-ħlasijiet imposti għall-provvista ta' informazzjoni speċifika (baży jew estiża), rapporti storiċi jew ċertifikati jistgħu jinsabu fi <https://www.onrc.ro/index.php/en/>, taħt Informazzjoni.

Meta jkun hemm protokoll ta' kollaborazzjoni, jistgħu jinħarġu dokumenti u informazzjoni b'xejn lil uħud mill-awtoritajiet u istituzzjonijiet pubbliċi, persuni ġuridiċi, ġurnalisti u rappreżentanti tal-mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa, u lil missjonijiet diplomatiki akkreditati.

Is-servizz ta' InfoCert huwa disponibbli sabiex jinħarġu ċertifikati onlajn u sabiex tiġi pprovduta informazzjoni permezz tal-portal <https://portal.onrc.ro/>. Id-dokumenti pprovduti permezz ta' dan is-servizz huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet dwar il-firem u kronogrammi elettroniċi. Dawn jinkludu elementi ta' sigurtà: firem elettroniċi kwalifikati, kronogrammi, marki tal-ilma (marki grafiċi fl-isfond tal-paġna) u barcodes. Il-kampjun tad-dokumenti maħruġa permezz ta' dan is-servizz jistgħu jinsabu fuq <https://portal.onrc.ro/ONRCPortalWeb/appmanager/myONRC/signup?p=infoCert>.

Huwa possibbli li tiġi żvelata dejta personali dwar membri, azzjonisti jew persuni oħra, meta d-dejta hija mitluba permezz ta' applikazzjoni u tinħareġ b'mod personali, jew tinħareġ elettronikament permezz tas-servizz onlajn ta' RECOM, u tintbagħat onlajn, b'firma elettronika estiża li tiġi inkluża, li tinhemeż jew tiġi assoċjata b'mod loġiku magħha, jew permezz ta' ċertifikati. L-awtoritajiet pubbliċi fil-qasam tal-ġustizzja, id-difiża nazzjonali jew il-finanza, u l-likwidaturi u l-bailiffs jistgħu jaċċedu wkoll dejta oħra.

4.3 L-awtoritajiet f'dan l-Istat Membru kif jitrattaw talba mibgħuta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali bl-għan li jinstab l-indirizz attwali ta' persuna?

L-ammissibilità tal-iproċessar tat-tali talbiet tiġi deċiża mill-qorti. Il-qrati Rumeni jirċievu numru mnaqqas ta' ittri rogatorji li jitolbu l-indirizz / l-uffiċċju reġistrat ta' persuna, u huwa diffiċli li jiġi evalwat jekk hemmx prattika uniformi. L-informazzjoni disponibbli tindika li, b'mod ġenerali, il-qrati Rumeni jaċċettaw it-tali talbiet.

5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (ħliet in-notifika indiretta msemmija fil-punt 6 iktar 'l isfel)?

Ara t-tweġiba għad-domanda 3.

6 Hija permessa n-notifika elettronika ta' dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa permess dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?

Id-dokumenti proċedurali jistgħu jiġu nnotifikati mir-reġistratur tal-qorti u bil-faks, bil-posta elettronika / b'mezzi oħra li jiżguraw it-trażmissjoni tal-kontenut tad-dokument u l-konferma tar-riċevuta tiegħu, meta l-parti kkonċernata indikat lill-qorti d-dettalji tagħha għal dan l-iskop. Għal skopijiet ta' konferma, meta hija tibgħat dokument proċedurali l-qorti tibgħat ukoll formularju li għandu jimtela mid-destinatarju bid-data tar-riċevuta, l-isem miktub ċar u l-firma tal-persuna responsabbli mir-riċeviment tal-korrispondenza. Il-formularju jiġi rritornat lill-qorti b'konferma tal-faks, posta elettronika jew mezz oħra (Artikolu 154(6) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

7 Notifika "indiretta"

7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika fejn ma jkunx possibbli li d-dokumenti jkunu nnotifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?

Ara t-tweġiba għad-domanda 3.

Il-konsenja ssir personalment lill-persuna mħarrka. Fil-każ ta' persuni li jirrisjedu fl-ukanda / hostel, id-dokument jiġi trażmess lill-amministratur jew lill-purtinar (Artikolu 161 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Id-dokument jiġi trażmess lill-entità fejn jista' jinsab id-destinatarju (il-korp militari, il-kap tal-port fil-każ ta' ekwipaġġ ta' bastiment, l-amministrazzjoni tal-ħabs fil-każ ta' prigionieri jew l-amministrazzjoni ta' spart fil-każ ta' pazjenti), u l-entità inkwistjoni tittrażmetti sussegwentement id-dokument lid-destinatarju u tippreżenta l-konferma tar-riċevuta lill-aġent jew tibgħatha direttament lill-qorti (Artikoli 161 u 162 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Id-dokumenti jistgħu jiġu kkonsegnati lill-persuna responsabbli għar-riċeviment tal-korrispondenza, l-amministratur tal-binja, il-gwardjan, il-gwardjan ta' sigurtà jew fl-uffiċċji ċentrali tal-entitajiet segwenti (għad-destinatarji msemmija fil-parenteżi): il-Ministeru tal-Finanzi Pubbliċi / korpjiet imsemmija oħra (l-istat), rappreżentanti ġudizzjarji (awtoritajiet amministrattivi lokali, persuni ġuridiċi rregolati permezz tal-liġi pubblika), uffiċċju prinċipali / sussidjarju tar-rappreżentanti (persuni ġuridiċi rregolati permezz tal-liġi privata), rappreżentant imsemmi (assoċazzjonijiet, kumpaniji, entitajiet mingħajr personalità ġuridika), l-indirizz tad-dar / l-uffiċċju reġistrat tagħhom (persuni li qegħdin taħt proċedimenti ta' insolvenza u kredituri), il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (persunal ta' missjonijiet diplomatiċi / uffiċċji konsulari, ċittadini Rumeni li ġew trasferiti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-membri familjari tagħhom li jgħixu magħhom waqt li huma barra mill-pajjiż), il-korpjiet ċentrali li trasferew il-ħaddiema jew li għandhom awtorità fuq l-entità li trasferithom barra mill-pajjiż (ċittadini Rumeni oħra li jinsabu barra l-pajjiż għal skopijiet ta' xogħol, inklużi l-membri familjari tagħhom li jakkumpanjawhom).

Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta d-dokument, l-aġent iqiegħdu fil-kaxxa tal-ittri tiegħu. Fin-nuqqas ta' kaxxa tal-ittri, tiġi notifika mal-bieb tad-destinatarju, li trid tinkludi, fost l-oħrajn, l-indikazzjoni li d-destinatarju jrid ikun preżenti ġurnata wara iżda mhux aktar tard minn sebat ijiem wara d-data tan-notifika (tliet ijiem fil-każ ta' emerġenza) **fl-uffiċċju tal-qorti / tas-sindku li jkun kompetenti fejn huwa jirrisjedi / għandu l-uffiċċju reġistrat tiegħu** (jekk id-destinatarju mhux fil-lokalità fejn il-qorti għandha s-sede tagħha) **għad-dokument li għandu jiġi nnotifikat lilu.**

Jekk id-destinatarju ma jistax jinsab, l-aġent jittrażmetti d-dokument lil persuna oħra (membru adult tal-familja li jgħix mad-destinatarju u jirċievi l-korrispondenza). Meta d-destinatarju jirrisjedi fl-ukanda / bini ta' appartamenti u ma jinstabx id-dar, l-aġent jinnotifika d-dokument lill-amministratur / purtinar. Il-persuna li tirċievi d-dokument tiffirma l-konferma tar-riċevuta, u l-aġent jiċċekkja l-identità u l-firma tagħha, u jħejji rapport. Jekk hija tirċievi d-dokument iżda tirrifjuta li tiffirma l-konferma tar-riċevuta jew ma tistax tiffirmaha, l-aġent iħejji rapport. Jekk dawn il-persuni huma assenti jew huma preżenti iżda jirrifjutaw li jaċċettaw id-dokument, id-dokument jitqiegħed fil-kaxxa tal-ittri tagħhom. Fin-nuqqas ta' kaxxa tal-ittri, tiġi notifika fuq il-bieb tagħhom.

Fil-każijiet kollha, l-aġent għandu obbligu li jittrażmetti d-dokument u r-rapport, fi żmien 24 siegħa mit-trażmissjoni / tħallija tan-notifika, lill-uffiċċju tal-qorti / tas-sindku, li imbagħad jinnotifika d-dokument. Meta parti tirċievi d-dokument minn uffiċjal mill-uffiċċju tas-sindku, dan tal-aħħar iressaq il-prova tal-konsenja u r-rapport lill-qorti matul 24 siegħa. Jekk it-terminu preskrittiv jiskadi u l-parti tibqa' ma tmurx hija stess fl-uffiċċju tas-sindku sabiex tirċievi d-dokument, uffiċjal mill-uffiċċju tas-sindku jittrażmetti d-dokument u r-rapport lill-qorti (Artikolu 163 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Meta l-mentatur ma jistax isib l-indirizz tal-intimat, il-qorti tista' tapprova **taħrika permezz ta' reklamar**, billi teżebixxi d-dokument fuq il-bieb tal-qorti, fuq il-portal tal-qorti u fl-aħħar indirizz magħruf. Skont il-każ, il-qorti tista' tordna l-pubblikazzjoni tat-taħrika fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija jew f'gazzetta mifruxa fuq skala nazzjonali. Meta tkun qed tapprova t-taħrika permezz ta' reklamar, il-qorti taħtar ukoll **kuratur** minn fost l-avukati tal-Kamra, li jiġu konvokati biex jirrapreżentaw l-interessi tal-parti konvenuta fis-smiġħ.

7.2 Jekk japplikaw metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew innotifikati?

Il-proċedura tkun kompluta fil-ħin tal-iffirmar tal-prova tal-konsenja jew mal-abbozzar tar-rapport, irrispettivament minn jekk il-parti rċevitx id-dokument proċedurali personalment jew le. Fil-każ tan-notifika tad-dokument permezz tal-posta / konsenja espress, il-proċedura tkun kompluta fil-ħin tal-iffirmar tal-konferma tar-riċevuta jew meta l-impjegat tal-posta / kurjer jirreġistra r-rifjut tad-destinatarju biex jirċievi l-korrispondenza. Fil-każ ta' notifika bil-faks, posta elettronika jew b'mezz ieħor, il-proċedura tkun kompluta fid-data li tidher fuq il-kopja stampata tal-prova tal-ippostjar, iċċertifikata mir-reġistratur tal-qorti li jkun imposta d-dokument (Artikolu 165 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta d-dokument jew ma jkollux kaxxa tal-ittri, l-aġent iħalli notifika fuq il-bieb tiegħu li teżiġi li huwa jmur personalment fl-uffiċċju tal-qorti / tas-sindku sabiex jiġbor id-dokument. Jekk id-destinatarju ma jmurx personalment, id-dokument jitqies li jkun ġie nnotifikat mal-iskadenza tat-terminu preskrittiv (Artikolu 163 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Fil-każ ta' taħrik permezz ta' reklamar, il-proċedura titqies bħala li tkun ġiet eżegwita fil-15-il jum wara l-pubblikazzjoni tat-taħrikiet (Artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika huwa d-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif ikun infurmat b'dak id-depożitu?

Jekk id-destinatarju ma jistax jinsab, l-aġent proċedurali jew l-impjegat tal-posta jista' jittrażmetti d-dokument lil persuna oħra jew, jekk it-tali persuna hija preżenti iżda tirrifjuta li taċċetta d-dokument, id-dokument jista' jitqiegħed fil-kaxxa postali tagħha. Fin-nuqqas ta' kaxxa tal-ittri, tiġi notifika fuq il-bieb tad-destinatarju jew ta' persuna oħra. F'24 siegħa mit-trażmissjoni / tħallija tan-notifika, l-aġent proċedurali jittrażmetti d-dokument u r-rapport lill-uffiċċju tal-qorti / tas-sindku li huwa kompetenti fiż-żona fejn id-destinatarju għandu r-residenza / l-uffiċċju reġistrat tiegħu, li jrid jinnotifika t-taħrika.

7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament innotifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?

Il-proċedura titqies li tkun għet imwettqa fil-ħin tal-abbozzar tar-rapport, irrispettivament minn jekk il-parti rċevietx id-dokument personalment. Fil-każ ta' notifika permezz tal-posta jew konsenja rapida, il-proċedura tkun kompluta meta l-impjegat tal-posta / il-kurjer jiffirma r-rifjut tal-parti li tirċievi l-korrispondenza (Artikolu 165 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Jekk id-destinatarju jirċievi d-dokument iżda jirrifjuta li jiffirma l-konferma tar-riċevuta, jew ma jistax jiffirmaha, l-aġent iħejji rapport. Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta d-dokument, l-aġent iqiegħdu fil-kaxxa tal-ittri tiegħu. Fin-nuqqas ta' kaxxa tal-ittri, titħalla notifika fuq il-bieb tad-destinatarju u jitħejja rapport. Id-destinatarju huwa informat fin-notifika li huwa jrid imur personalment il-qorti jew fl-uffiċċju tas-sindku biex jiġbor id-dokument, inkella n-notifika titqies li tkun għet eżegwita (Artikolu 163 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Il-parti li tidher personalment jew permezz tal-avukat tagħha jew rappreżentant ieħor quddiem il-qorti għandha l-obbligu li tirċievi d-dokumenti proċedurali li jiġu nnotifikati matul is-smiġħ. Jekk hija tirrifjuta li tirċievi d-dokumenti, dawn jitqiesu li jkun għet innotifikati billi jiġu inklużi fil-fajl tal-każ. Il-parti kkonċernata tista' tiksibhom fuq talba minn hemm, billi tiffirma l-riċevuta (Artikolu 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki)

8.1 Jekk is-servizz postali jwassal dokument mibgħut minn barra lill-destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn tal-aċċettazzjoni tal-riċevuta (l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar in-Notifiki), is-servizz postali jista' jħalli d-dokument biss mad-destinatarju stess jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-posta, iħalli d-dokument ukoll ma' persuna oħra fl-istess indirizz?

Jekk id-destinatarju ma jistax jinstab, id-dokument jista' jiġi trażmess lill-persuna oħra (membru adult tal-familja li jgħix mad-destinatarju u li jirċievi l-korrispondenza). Jekk id-destinatarju jirrisjedi fl-ukranja / bini ta' appartamenti u ma jistax jinstab id-dar, id-dokument jista' jiġi nnotifikat lill-amministratur jew lill-purtinar (punti 6 u 7 tal-Artikolu 163 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

8.2 Skont ir-regoli tal-posta f'dan l-Istat Membru kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tan-Notifiki Nru 1393 /2007, jekk la d-destinatarju u lanqas ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-posta – ara fuq) ma jkun instab fl-indirizz fejn tkun intbagħtet?

Il-konsenja bil-posta issir darba biss. Jekk id-destinatarju jew il-persuna awtorizzata li tirċievi l-korrispondenza ma tistax tinstab, titħalla notifika għaliha biex tmur tiġborha mill-uffiċċju postali fi żmien għaxart ijiem. Meta d-destinatarju ma jiġix tiġborha, titħalla notifika oħra wara jumejn xogħol biex imur tiġborha mill-uffiċċju postali fi żmien għaxart ijiem.

8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għax ma twasslux? Jekk iva, kif ikun informat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?

Wara t-tieni notifika, id-dokumenti jinżammu fl-uffiċċju postali għal għaxart ijiem qabel ma jintbagħtu lura lill-ispeditur. Id-destinatarju jiġi informat fin-notifika atwali li hemm korrispondenza indirizzata lilu li għandha tinġabar mill-uffiċċju postali.

9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun għet nnotifikat?

Il-prova tal-konsenja jew ir-rapport tal-konsenja mħejji mill-aġent (Artikolu 164 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) u l-riċevuta postali ffirmata fil-każ ta' dokumenti ta' notifika permezz tal-posta reġistrata bil-konferma tar-riċevuta (punt 13 tal-Artikolu 155 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi nnotifikat lill-terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika għal id-dokument?

- il-posponiment tal-proċess; il-qorti tipposponi l-proċess u tordna t-taħrikiet meta ssib li l-parti assenti ma għetx imħarrka f'konformità mal-liġi, taħt il-penalità tal-annullament (Artikolu 153 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
- l-annullament ta' kull dokument proċedurali mħejji wara n-nuqqas ta' taħrika jew wara taħrika illegali; oġġezzjoni proċedurali għal nuqqas ta' taħrika jew għal taħrika illegali;
- ir-raġunijiet għat-tressiq ta' appell straordinarju (appell għall-annullament jew għal rieżami);
- ir-raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi (*exequatur*).

11 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas?

Ara t-tweġiba għad-domanda 3.

L-aħħar aġġornament: 12/01/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.